**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. RACHEL MONTEBELLO B.A., LL.D**

**Kumpilazzjoni Numru 353/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Sp. Shawn Pawney)**
**(Sp. Ryan Mario Vella)**
**-Vs-**
**MERIAM ABDUSSALAM MOUADDEA**

**Illum 7 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi **MERIAM ABDUSSALAM MOUADDEA** ta' 46 sena, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 9000606A, mwielda l-Marokk nhar l-1 ta' Novembru 1974, bint Abdussalam u Fatima, residenti St. Paul's Court, Triq il-Qroll, San Pawl il-Bahar, tressqet quddiemha akkuzata talli:-

1. Nhar l-10 ta' Mejju 2021, bejn id-9 ta' filghodu u t-8 ta' filghodu u.jew f'hinijiet ohra, qabel jew wara, minn appartament numru 5, 'Brandon Flats', Triq il-Gulju, San Pawl il-Bahar u/jew f'dawn il-gzejjer, ikkommettiet serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u bil-lok, u li sar ghad-dannu ta' Issif Ibrahim Mohammed u/jew ta' xi persuna/i ohra.

2. Nhar l-10 ta' Mejju 2021, bejn is-7 ta' filghodu u is-6 ta' filghaxija u/jew f'hinijiet ohra, qabel jew wara, minn appartament numru 3 'Joe Flats', Triq Efesu, San Pawl il-

Bahar u/jew f’dawn il-gzejjer, ikommettiet serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetezmu (€2,329.37) u bil-lok, u li sar ghad-dannu ta’ Hinda Hersi u/jew ta’ xi persuna/i ohra;

3. Nhar it-2 ta’ Gunju, ghall-habta tas-1.30 ta’ wara nofsinhar u/jew f’hinijiet ohra, qabel jew wara, minn appartament numru 13, ‘First November Court’, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Bahar u/jew f’dawn il-gzejjer, ikkommettiet serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar ghad-dannu ta’ Rein Gauci u/jew ta’ xi persuna/i ohra;

4. Ukoll talli b’hekk, kisret wahda jew iktar mill-kundizzjonijiet impost fuqa b’digriet ghall-helsien mill-arrest, akkordati lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Magistrat Dottor Doreen Clarke LL.D nhar il-21 ta’ April 2021, liema kundizzjonijiet kienu moghtija lila kontra depozitu ta’ €300 u garanzija personali ta’ €3,000. Dan bi ksur tal-artikolu 579 *et sequitur* tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Wkoll talli b’hekk, irrendiet ruhha recidiva ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, permezz ta’ diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront taghha mill-Qrati ta’ Malta u Ghawdex.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f’kaz illi tinsab htija, flimkien mal-piena skont il-ligi, tordna ir-revoka tad-digriet li bih l-imputata inghatat l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmija imputata, kif ukoll tordna li l-ammont ta’ €3,300 jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta, hekk kif mahsub fl-artikolu 579 *et sequitur* tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex, fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, meta taghti s-sentenza jew f’kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hatja ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta’ parti mill-ispejjez li jkollhom

x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkejsta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhala ma jkungie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi jaqraw l-akkuzi bil-ġurament u semghet lill-imputata waqt l-ezami twiegeb mhux hatja;

Semghet lill-imputata waqt l-eżami fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2021 in segwitu ghal korrezzjoni li saret fl-akkuzi, twieġeb li hija ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontriha;

Wissiet lill-imputata bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegatilha l-imputazzjonijiet li tinsab mixli bihom u ssospendiet fattwalment is-seduta biex taghti zmien lill-imputata biex tahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex terga' tikkonsulta mad-difensur taghha;

Semghet lill-imputata wara ftit tal-ħin tikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija taghha anke wara illi ngħatat zmien biex tirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex terġa' tikkonsulta mad-difensur taghha, kif ukoll wara li l-Qorti fissritilha l-pieni erogabbli għar-reati li tinsab mixlija bihom;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti esebiti;

Rat illi fit-30 ta' Gunju 2021, giet inserita fl-atti l-proces-verbal redatta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke tal-Inkjesta dwar serqa ta' €2,700 fi flus kontanti minn gewwa residenza Brandon Flats. Flat 5, Triq Gulju, San Pawl il-Bahar nhar l-10 ta' Mejju 2021;

Rat l-atti kollha tal-proċeduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2021;

Rat illi l-kawza kienet differita ghal-lum biex tinghata s-sentenza.

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputata, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur taghha u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputata ghandha tinsab ħatja tar-reati li giet mixlija bihom.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom in-natura serja tar-reati u l-valur sostanzjali ta' flus u oggetti ohrajn li serqet. Il-Qorti naturalment qieset ukoll il-fatt illi l-imputata ammettiet ukoll li hija recidiva taht l-Artikolu 49, 50 kif ukoll taht l-Artikolu 289 tal-Kap. 9 u l-fatt illi hija kommettiet dawn ir-reati wara li kienet giet mehlusa mill-arrest biss ftit gimghat qabel u b'hekk kisret ukoll wahda mill-iktar kundizzjonijiet gravi tal-liberta' provvizjorja taghha. Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputata giet ikkundannata diversi drabi fuq serq aggravat kif ukoll reati ohrajn, kif del resto jirrizulta mill-fedina penali taghha, liema fedina penali hija wahda xejn inqas minn ferm oneruza. Huwa bil-wisq ovvju li minkejja l-pieni inflitti fuqha, l-imputata ghazlet li tkompli miexja fit-triq tal-kriminalita` u evidentement, m'hijiex interessata li tirriforma ruhha. Dan iwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li l-imputata m'hijiex kandidat eligibbli ghal sanzjoni fil-komunita` u hija tal-fehma li ghandha tinfliggi piena karcerarja effettiva u f'kull kaz, hija prekluza milli tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 minhabba l-provvedimenti tal-Artikolu 28A(7)(b) tal-Kap. 9.

Huwa minnu illi mix-xhieda tal-Ispettur Sean Pawney jirrizulta li l-imputata kienet inghatat struzzjonijiet minn terza persuna biex twettaq is-serqiet li giet akkuzata bihom u dan biex b'hekk thallas ghall-akkomodazzjoni taghha gewwa l-fond ta' din it-terza persuna, izda l-Qorti tqis illi hi x'inhi r-raguni li tat lok ghat-twettiq tar-reati u r-raguni ghaliex gew kommessi dawn ir-reati, is-serq ma huwa qatt gustifikabbli u r-raguni moghtija mill-imputata zgur li ma tistax isservi bhala xi attenwanti. Ghall-kuntrarju, il-Qorti hi tal-fehma li s-serq, *multo magis* serqiet li jigu kommessi fic-cirkostanzi bhal dawk tal-kaz in dizamina minn go fondi residenzjali tad-derubati, huma kundannabbli bl-iktar mod iebes ghaliex l-effett inevitabbli taghhom huwa d-disturb serju tal-aspettattiva legittima ta' kull persuna civilizzata li tgawdi sigurta' u privatezza gewwa darha u li tghix hajjitha u tkompli bir-rutina taghha ta' kuljum b'trankwillita' u serhan tal-mohh u minghajr biza' ghall-inkolumita' tal-proprjeta' taghha.

Izda min-naha l-ohra l-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt illi l-ammissjoni tal-imputata saret fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li l-imputata ammettiet il-htija taghha mal-Pulizija minnufih waqt l-interrogazzjoni u kko-operat pjenament mal-Pulizija fl-investigazzjonijet taghhom ghaliex tathom l-informazzjoni kollha relevanti biex jaslu ghat-terza persuna li giet implikata minnha f'dawn is-serqiet.

Hadet notament ukoll tal-fatt illi l-Pulizija rnexxielha tirkupra minghand l-imputata l-flus u hwejjeg ohrajn misruqa u li dawn jistghu ghalhekk jigu ritornati lid-derubati u ghalhekk, fil-qies ta' din l-ahhar konsiderazzjoni, il-Qorti m'hijiex sejra tuza s-setgha diskrezzjonali taghha biex izzid il-piena minhabba l-addebitu tar-recidiva. Inoltre, b'applikazzjoni tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 kif emendat bl-Att XXIX tal-2021, lanqas m'hi sejra tordna l-konfiska tal-ammont kollu stabbilit fid-digriet tal-21 ta' April 2021 li bih inghatat il-helsien mill-arrest, izda sejra tordna biss il-konfiska parzjali tal-ammont depozitat fis-somma ta' €300.

**Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278(3), 279, 289 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda fuq**

**ammissjoni issib lil MERIAM ABDUSSALAM MOUADDEA hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontriha u tikkundannaha seba' u tletin (37) xahar prigunerija effettiva u tordna wkoll il-konfiska a favur tal-Gvern ta' Malta tad-depozitu fis-somma ta' tliet mitt Euro (€300) imhallas kif ordnat fid-digriet moghti fil-21 ta' April 2021 li permezz tieghu l-hatja nghatat il-helsien mill-arrest.**

**Tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghar-ri arrest tal-hatja a tenur tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil MERIAM ABDUSSALAM MOUADDEA thallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma rapprezentanti l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fl-istadju tal-process verbal tal-Inkjesta galadarba dawn l-ispejjez jigu hekk kwantifikati.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**